TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/77/21/S

Gilbert Grech
vs
KIS Services Limited

Illum 9 ta' Dicembru,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Gilbert Grechipprezentata fl-14 ta'Mejju,2021 filwaqt li s-socjeta KIS Services Limited, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kklampjar ta'vettura wara biss 11-il minuta f'zona fejn allegatament tista' thalli l-vettura ghal 15-il minuta;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Gilbert Grech u lanqas deheret ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Gilbert Grech li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega u pprezenta dettalji dwar it-talba tieghu;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti, l-ammont ta' €40 li kien dak imhallas mir-rikorrenti hu gustifikat u ghandu jithallas lura lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Gilbert Grech u Jordna lis-socjeta intimata KIS Services Limited thallas lil Gilbert Grech is-somma ta' €40. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata KIS Services Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru